MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 324/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. proprio u hekk kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-Ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Lawrence Schembri u l-istess Lawrence Schembri**

**vs**

**Christopher Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-atturi s-somma ta' elf hames mija tmienja u tletin Lira Maltin (LM1538.00,0),

rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in konnessjoni ma' incident stradali li sehh fil-21 ta' Awissu tas-sena 2003 fi Vjal il-Helsien, Zebbug meta filwaqt li kien qed isuq il-vettura numru BAI-919 habat fil-vettura parkeggjata JBC-734 di propjeta' ta' l-attur Lawrence Schembri u assigurata mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c.;

2. Bl-imghax legali min-notifika ta' dan l-Avviz lill-konvenut u bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104, fil-konfront tal-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota tal-konvenut datata t-12 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ammetta t-talbiet kif dedotti fl-avviz odjern;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut Christopher Agius responsabbli ghall-incident stradali datat il-21 ta' Awissu tas-sena 2003 li sehh fi Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf hames mija u tmienja u tletin Lira Maltin (LM1538.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut fuq indikat ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata, bl-ispejjez.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------